- AMMESSIBILITA` TA' XHIEDA TA' UFFICJAL TAL-QORTI –
- AUDI ALTERAM PARTEM –
- VERBALI TAL-QORTI –
- RES GESTAE -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## (SEDE KOSTITUZZJONALI).

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Digriet tas-26 ta' Frar 2002.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar 2002**

**Kawza Numru: 8**
**Citazzjoni Numru: 412/93/RCP**

**Carmen Micallef.**

**vs**

**Prim Ministru u ghal kull interess li jista' jkollhom Lawrence Farrugia u r-Registratur tal-Qrati.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors kostituzzjonali tas-7 ta' Mejju 1993 a fol. 1 tal-process fejn gie mitlub li din il-Qorti taghti dawk id-direttivi li tqies xierqa biex tizgurra t-twettiq tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u tordna li l-appell jigi trattat mill-gdid quddiem Qorti diversament komposta, prevja dikjarazzjoni illi l-proceduri u s-sentenza moghtija fl-imsemmi appell huma nulli u bla effett stante li kienu vizzjati bi ksur tal-garanzija ta' smiegh xieraq.

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru a fol. 12 tal-process datata 30 ta' Marzu 1993 fejn opponiet ghall-istess talbiet tar-rikorrenti billi sostniet li l-istess rikors huwa frivolu u vessatorju u l-Qorti ghandha tezerecita d-diskrezzjoni taghha skond il-proviso tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u dak anologu tal-Att XIV ta' l-1987 u tirrifjuta li tezercita' s-setghat taghha skond l-istess subartikolu peress li jezistu mezzi xierqa ta' rimedju ghal ksur allegat, li kienu jew huma disponibbli ghar-rikorrenti skond il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati datata 12 ta' April 1993 a fol. 17 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat ir-rikors tal-intimat Lawrence Farrugia tat-18 ta' Jannar 1994 a fol. 41 tal-process fejn talab li l-affidavits ipprezentati permezz ta' nota tad-19 ta' Novembru 1992 jigu sfilzati.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti tal-24 ta' Frar 1994 a fol. 45 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April 1994 a fol. 47 tal-process fejn Dr. Mark Said ghall-intimati l-ohra ddikjara li jadirixxi ruhu mar-rikors tal-intimat tal-15 ta' April 1994.

Rat id-Digriet tal-1 ta' Dicembru 1995 a fol. 65 tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba limitatament ghall-affidavit ta' Gemma Debono w ordnat l-isfilz tieghu.

Rat l-affidavits kollha esebiti u x-xhieda moghtija u d-dokumenti esebiti fosthom id-Dokument "N2" – kopja tal-process Citazzjoni 1679/95, liema kawza giet deciza fil-5 ta' Frar 1993 u kopja tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' L-Appell fil-5 ta' Frar 1993 esebiti b'nota tar-rikorrenti tad-29 ta' April 1996 a fol. 63 tal-process.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 7 ta' Frar 1997 a fol. 97 tal-process fejn l-istess rikorrenti talab li jipproduci bhala xhieda lill-Onor. Imhallef Anton Depasquale u lill-Onor. Imhallef Joseph David Camilleri.

Rat ir-rispota tal-intimati l-Onor. Prim Ministru u r-Registratur tal-Qorti datata 26 ta' Frar 1997.

Rat ir-risposta tal-intimat Lawrence Farrugia tal-14 ta' April 1997 a fol. 102 tal-process.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti datat 18 ta' April 1997 fejn cahdet it-talba tar-rikorenti ghall-produzzjoni tax-xhieda indikati fir-rikors tieghu premess stante li tali xhieda kienu irrelevanti ghall-vertenza odjerna.

Rat in-nota tar-rikorrenti tat-18 ta' April 1997 a fol. 101 tal-process.

Rat ir-risposta ta' Lawrence Farrugia datata 5 ta' Gunju 1997 ghan-nota tar-rikorrenti tat-18 ta' April 1997 a fol. 108 tal-process.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti dwar l-istess nota datat 22 ta' Ottubru 1997 fejn cahdet it-talba ghar-rikuza indikata fl-istess nota stante li hija <u>manifestament</u> infondata.

Rat ir-rikors tad-19 ta' Settembru 2001 a fol. 198 tal-process quddiem din il-Qorti kif prezentament presjeduta fejn l-istess rikorrenti talbet ir-revoka *'contrario imperio'* tad-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-1 ta' Dicembru 1995 u tordna li tigi inserita x-xhieda permezz ta' l-affidavit ta' Gemma Debono.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Lawrence Farrugia tad-19 ta' Novembru 2001 a fol. 201 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2001 fejn Dr. Peter Grech ghall-intimati l-ohra aderixxa ruhu mar-risposta tal-intimat Lawrence Farrugia.

Rat in-nota ta' riferenzi tat-22 ta' Jannar 2002 a fol.206 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din id-decizjoni hija dwar t-talba kontenuta fir-rikors tar-rikorrenti tad-19 ta' Settembru 2001 a fol. 198 tal-process quddiem din il-Qorti kif prezentament presjeduta fejn l-istess rikorrenti talbet ir-revoka '*contrario imperio'* tad-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-1 ta' Dicembru 1995 u tordna minflok li tigi inserita ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' Gemma Debono.

Illi din il-Qorti tirrileva li l-ilment tar-rikorrenti huwa li fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1992 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell kostitwit kif indikat fl-istess rikors promotorju, fil-kors tas-smiegh tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Carmen

Micallef vs Lawrence Farrugia et" Citaz. Numru 1679/85, deciza mill-istess Qorti fil-5 ta' Frar 1993, huwa qed isostni li minhabba l-attegjament tal-President tal-istess Qorti, huma hassewhom intimidati minhabba l-allegata ostilita` diretta lejhom u ghalhekk ma kellhomx smiegh xieraq skond il-ligi.

Illi fil-fatt f'din il-kawza tressqu diversi xhieda sabiex jiddeponu dwar l-atmosfera li kienet tezisti fl-istess seduta inkluza x-xhieda ta' whud mid-difensuri tal-partijiet.

Illi kien tressaq affidavit ta' Gemma Debono, li dak iz-zmien kienet deputat registratur mal-istess Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex prezumibilment tixhed fuq l-istess atmosfera li kienet tezisti fl-istess Awla waqt is-smiegh tal-istess seduta, u b'Digriet ta' din il-Qorti datat l-1 ta' Dicembru 1995 fejn dan l-istess Affidavit kien gie sfilzat stante li nghad fl-istess Digriet li:-

*"L-massima 'qoud non est in actis non est in mundo' hija bazilari ghal-kull sistema procedurali tal-ordinament guridiku. Hemm zewg korallari principali ta' din il-massima. L-ewwel wiehed huwa li dak li jigri, li jissucciedi, fit-tribunal waqt it-trattazzjoni ta' kawza ghandu jirrizulta biss mill-verbali redatti mit-Tribunal stesss jew alternattivament, f'dawk il-kazijiet fejn il-gudikant jirrifjuta li jirregistra fatt rilevanti ghall-kawza, l-parti ghandha tipprezenta Nota jew Rikors – seduta stante, sabiex min ikun qed jippresjedi it-Tribunal ikun f'posizzjoni li jipprovdi fuq l-fatt. Ebda*

*Gudikant infatti m'ghandu jinbidel f'xhud ta' dak li gara quddiemu fl-udjenza u la huwa u lanqas l-ufficjali l-ohra tat-Tribunal ma huma ammessi bhala xhieda fuq r-'res gestae' tal-udjenzi".* Ghalhekk l-istess affidavit gie sfilzat ghaliex l-istess xhud, bhala ufficjal tal-Qorti kienet mhux producibbli.

Illi din il-Qorti taqbel mal-istess principji fuq enuncjati bhala massima, u dan hija dejjem applikabbli fil-kaz ta' Gudikanti li jkunu qed jippresjedu l-istess kawzi, stante li l-operat taghhom fl-istess huwa identifikat mill-verbali tal-istess seduti registrati skond l-**Kap 12,** u wkoll skond id-diversi Digrieti u decizjoni emanenti mill-istess organi gudizzjarji.

Illi dan bhala regola japplika wkoll ghall-operat tal-istess ufficjali ohra waqt l-istess seduti quddiem l-istess Qrati fil-kors tal-kawza, u dan meta jirreferi ghall-att jew fatt registrat minnhom fl-istess verbali tal-Qorti, liema verbal jikkostitwixxi fih innifsu prova inkonfutabbli ta' dak li gie registrat li sar fl-istess kawza, dwar l-andament taghha u l-iskop tad-differiment tal-istess.

Illi pero` jigi rilevat li dak li qed jigi kontestat f'dawn il-proceduri ma huwiex il-kontenut tal-istess verbal jew xi verbal iehor fil-kors tas-smiegh tal-appell fil-kawza premessa fir-rikors promotorju odjern, izda l-atmosfera in generali waqt is-smiegh tal-istess appell u l-allegat komportament tal-President tal-istess Qorti fil-kors tas-seduta partikolari msemmija fl-istess rikors kostituzzjonali,

li fl-istess verbal jew verbali tal-Qorti ma hemm xejn dwar l-istess.

Illi fil-fatt din il-Qorti kif diversament presjeduta tat opportunita` lill-diversi xhieda, inkluzi difensuri tal-partijiet, difensuri ohra li kienu prezenti waqt l-istess smiegh, u lill-partijiet sabiex jixhdu dwar l-istess allegata sottomissjoni tar-rikorrenti.

Illi iktar sinifikanti fl-opinjoni ta' din il-Qorti huwa l-fatt li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 5 ta' Frar 1993 dik l-istess Onorabbli Qorti irreferiet ghax-xhieda ta' Carlo Carabott, id-deputat registratur li kien adebit mal-Qorti fil-kors tas-smiegh tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni Numru 1261/85 fl-ismijiet "Lawrence Farrugia vs Carmen Micallef" dwar kif inkiteb id-differiment tas-seduta tal-10 ta' Marzu 1986 u kif tnizzlet id-data tad-differiment ghad-29 ta' Novembru 1986, tant li fl-istess sentenza hawn indikata saret riferenza ampja ghal dak li xehed l-istess Deputat Registratur, kif jirrizulta a fol. 7 u 8 tal-istess sentenza esebiti a fol. 85 u 86 ta' dan il-process; jidher li din ix-xhieda inghatat fil-kors tas-smiegh tal-kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza mill-istess Qorti ta' prim' istanza fil-15 ta' Ottubru 1990.

Illi ghalhekk jidher li hemm eccezzjonijiet ghall-istess regola indikata minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-Digriet taghha tal-1 ta' Dicembru 1995, u ghalhekk huwa cert li tali massima hemm enuncjata ma hija bl-ebda mod assoluta,

iktar u iktar meta l-kontenut tal-istess verbal *per se* ma huwiex qed jigi b'xi mod ikkontestat.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* fejn dak li huwa mertu tal-kawza odjerna huwa l-allegat attegjament lejn ir-rikorrenti u d-difensur taghha minn certi komponenti tal-istess Qorti fil-kors tas-smiegh tal-istess appell, u dan indipendentement mill-kontenut tal-istess verbali li lanqas biss jidher li qed jigu kkontestati, u tenut kont tal-fatt li din l-istess Qorti, fil-kors tas-smiegh tal-istess kawza semghet diversi xhieda, inkluz id-difensuri tal-istess partijiet, u lill-partijiet infushom, dwar l-atmosfera li kienet tezisti fl-istess Awla tul il-kors tas-smiegh tal-istess appell u in partikolari dwar l-istess seduta lamentata mir-rikorrenti, din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ma ghandhiex *'a priori'* tichad l-ammissibilita` tax-xhieda tad-deputat registratur li kienet prezenti fit-12 ta' Ottubru 1992, u dan qed jinghad biss fl-isfond eccezzjonali u mhux normali tal-mertu tal-kawza odjerna, u in omagg tal-principju *'audi alteram partem'* u b'rispett lejn il-principji ta' gustizzja naturali.

Illi din il-Qorti xorta tenfasizza li din il-koncessjoni odjerna hija dejjem ta' natura eccezzjonali u qed tigi applikata biss minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u fl-isfond tal-konsiderazzjoni li tali xhieda ma hijiex prezumibilment intiza sabiex tattakka l-verbal tal-istess Qorti, li fih innifsu ma huwiex bl-ebda mod qed jigi kontestat, jew b'xi mod tirreferi ghar-*res gestae* tal-kawza hemm trattata, u li hija differenti mill-mertu tar-rikors odjern li jitratta *sic et*

*simpliciter* dwar l-allegat komportament ta' komponent mill-istess Qorti tal-Appell *vis-à-vis* d-difensur tar-rikorrenti u l-istess rikorrenti.

Illi ovvjament din il-Qorti, kif dejjem ghandha dritt, tirriserva li jekk ikun hemm bzonn, tipprovdi dwar il-kontenut tal-istess xhieda u l-ammissibilita` taghha u r-rilevenza taghha fi stadju ulterjuri, wara li tara l-istess affidavit, pero` f'dan l-istadju, ma thossx li ghandha *a priori* tichad il-produzzjoni tal-istess xhud Gemma Debono, u dan tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u fl-isfond tax-xhieda kollha gja mismugha minn din il-Qorti fuq il-lamentela tal-istess rikorrenti fir-rikors promotur.

Illi ovvjament din il-Qorti tissottolinja in-natura eccezzjonali ta' dan il-provvediment, bl-intiza cara, li dan l-istess digriet ma ghandux jittiehed bhala regola ghal talbiet ghall-produzzjoni tal-istess ufficjali tal-Qorti bhala xhieda f'kawzi, u dan sabiex ma jinghatax lok ghall-abbuz mill-proceduri tal-Qorti, izda ghandu jittiehhed fl-isfond tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u dejjem entro l-limiti fuq delinejati.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-oggezzjoni tal-intimati kontenuta fir-risposta taghhom tad-19 ta' Novembru 2001 u il-verbal tal-11 ta' Dicembru 2001, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghha tad-19 ta' Settembru 2001,**

b'dan ghalhekk li tirrevoka *"contrario imperio"* id-Digriet taghha tal-1 ta' Dicembru 1995 limitatament dwar l-ammissibilita` tal-affidavit ta' Gemma Debono pprezentat b'nota tad-19 ta' Novembru 1997 u fejn kien gie ordnat l-isfilz tal-istess affidavit, u tiddikjara minflok l-ammissibilita` tal-istess affidavit u konsegwentement tordna li l-istess affidavit jigi integrat u mdahhal fl-atti ta' din il-kawza, b'riserva ta' kontro-ezami mill-kontro-parti, u b'rizerva ta' kull provediment ulterjuri dwar il-kontenut tal-istess affidavit skond il-ligi.

L-ispejjez ta' din d-decizjoni huma riservati ghad-decizjoni finali.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' Frar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**26 ta' Frar 2002**